Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/57*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 57 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru, 2012 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-56

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Mill-Minuti 6-56

3.01 **Paragrafu 7.00** dwar l-offerta għal servizz ta' ġbir ta' skart. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienu għaddew diversi emails bejn il-Kunsill tagħna u dak ta' L-Għarb dwar dan is-suġġett u sa issa għad ma kienx hemm ftehim dwar kif għandhom jinqassmu r-rati. Il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz għadhom ma tawx risposta. Il-Kunsill qabel li nistennew risposta minn għand il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz. Qed jiġi propost li kif isir il-proċess ta' evalwazzjoni mill-Bord, it-tlett Sindki u Segretarji Eżekuttivi tat-tlett lokalitajiet konċernati niltaqgħu biex jintlaħaq ftehim dwar ir-rati tal-offerta.

## 4. Laqgħa Pubblika

Minuti tal-Laqgħa Pubblika qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti.

## 5. Korrispondenza

5.01 Memo 54/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 38639 dwar l-iskema PPP.

5.02 Memo 55/2012 – Emendi fl-applikazzjonijiet tad-Dawl fit-toroq – Korporazzjoni Enemalta.

5.03 Memo 56/2012 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġett Pilota – Inizjattiva imsejħa Book Box.

5.04 Memo 57/2012 – L-Immaniġġar tal-iskart fil-lokalitajiet tagħna.

5.05 Memo 58/2012 – Talbiet mill-Kunsilli Lokali għal self mill-Bank.

5.06 Marthese Bugeja infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar ġiti għall-Sqallija matul is-sena kollha.

5.07 Godwin Ellul informa lill-Kunsilli Lokali dwar ktieb li huwa ippubblika – Glossarju ta' Termini Kummerċjali Ingliż-Malti.

5.08 Isabella Camilleri Aquilina mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali infurmat lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 20 ta' Diċembru ser tkun varata l-iskema dwar proġetti speċjali għal restawr ta' postijiet storiċi. Għal din l-attivita se jattendi s-Segretarju Eżekuttiv.

## 6. Budget 2013 u Business Plan 2013-2015

Dawn id-dokumenti kienu tqassmu lill-membri kollha tal-Kunsill u ġew diskussi wkoll waqt il-laqgħa pubblika li nżammet aktar kmieni llum. Il-Kunsill reġa' ddiskuta l-Budget għas-sena 2013 u l-Business Plan għas-snin 2013/2015 u ġew approvati unanimament.

## 7. Offerti għal diversi servizzi

Il-Kunsill ħareġ erba' offerti għal servizzi fir-raħal tagħna. L-offerti kienu jgħalqu nhar l-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012 fil-11.30am. L-offerti mitfugħa sal-ħin tal-egħluq infetħu quddiem il-pubbliku preżenti eżatt wara l-ħin tal-egħluq. Dawk preżenti iffirmaw ukoll fuq l-iskeda tal-offerti u anke iffirmaw dokument fejn saret dikjarazzjoni li uħud mill-offerti kellhom xi dokumenti nieqsa.

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-offerti:-

### 2012-02 – Ġbir ta' Skart Goff permezz ta' trakk li jġorr l-iskart li juża low emission

Fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu żewġ offerti dwar is-servizz għal ġbir ta' skart goff. L-offerti huma ta' Godfrey Borg (€8.25) u ta' Sharlon Mercieca (€6.25).

Il-Kunsill innota li fid-dokument ta' Godfrey Borg kien hemm ukoll dettalji dwar it-trakk li se jintuża għal dan is-servizz u kopji tal-permessi meħtieġa. Godfrey Borg għamel ukoll garanzija bankarja ta' €465.87.

Mal-offerta ta' Sharlon Mercieca ma kienx hemm dokumenti addizzjonali. Sharlon Mercieca għamel kopja tad-dokument tal-offerti jiġifieri fil-kaxxa tal-offerti tefa' żewġ envelopes li kienu amalgamati flimkien. F'envelope wieħed kien hemm id-

dokument oriġinali u fl-ieħor kien hemm kopja tiegħu. Garanzija bankarja ma ġietx preżentata.

Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta. Il-Kunsill qabel li għandna inkunu ċerti li t-trakk li se jintuża huwa skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta u għalhekk irid ikun Euro 4 standard. Il-Kunsill qabel li għandna naħtru Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti biex ikun jista' jivverifika dwar dan u jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu.

**2012-03 – Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika**

Fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu tlett offerti dwar is-servizz ta' Tindif u Manutenzjoni tal-Latrina Pubblika. L-offerti huma ta' Mark Zammit (€2,350), ta' Maria Attard (€2,699) u ta' John Gauci (€2,595.15).

Il-Kunsill innota li d-dokument Non Collusive Certificate tal-offerta ta' John Gauci ma kienx iffirmat. Mal-offerta ma kienx hemm dokumenti addizzjonali. Garanzija bankarja ma ġietx preżentata.

Mal-offerta ta' Mark Zammit ma kienx hemm dokumenti addizzzjonali. Garanzija bankarja ma ġietx preżentata.

Il-Kunsill innota li Maria Attard inkludiet garanzija bankarja ta' €2,000 mal-offerta tagħha. Maria Attard inkludiet ukoll noti f'Annex 5 Contruct Sum.

Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta u qabel li għandna ngħadduha lill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti sabiex jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu.

**2012-04 – Tindif ta' Toroq**

Fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu erba' offerti dwar is-servizz ta' Tindif ta' Toroq. L-offerti huma ta' Mark Zammit (€12,987), ta' Godfrey Borg (€11,926), ta' Sharlon Mercieca (€12,415) u ta' John Gauci (€10,990.15).

Il-Kunsill innonta li d-dokument Non Collusive Certificate tal-offerta ta' John Gauci ma kienx iffirmat. Mal-offerta ma kienx hemm dokumenti addizzjonali. Garanzija bankarja ma ġietx preżentata.

Mal-offerta ta' Mark Zammit ma kienx hemm dokumenti addizzzjonali. Garanzija bankarja ma ġietx preżentata.

Mal-offerta ta' Sharlon Mercieca ma kienx hemm dokumenti addizzjonali. Sharlon Mercieca għamel kopja tad-dokument tal-offerti jiġifieri fil-kaxxa tal-offerti tefa' żewġ envelopes li kienu amalgamati flimkien. F'envelope wieħed kien hemm id-dokument oriġinali u fl-ieħor kien hemm kopja tiegħu. Garanzija bankarja ma ġietx preżentata.

Il-Kunsill innota li fid-dokument ta' Godfrey Borg kien hemm ukoll dettalji dwar it-trakk u makkinarju ieħor li se jintuża għal dan is-servizz u kopji tal-permessi meħtieġa. Godfrey Borg għamel ukoll garanzija bankarja ta' €1,164.69.

Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta. Il-Kunsill qabel li għandna inkunu ċerti liema offerti huma validi u skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. Il-Kunsill qabel li għandna ngħaddu din l-offerta lill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti sabiex jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu.

**2012-05 – Servizzi lill-Kunsill**

Fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħet offerta waħda dwar Servizzi lill-Kunsill. L-offerta hija ta' Anthony Mintoff f'isem A&E Mintoff Co Ltd.

*F'dan il-ħin tal-laqgħa l-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni.*

Ir-rati mitfugħa għal din l-offerti huma hekk:-
Labourer (manual worker) - €11.50/siegħa
Kiri ta' makkinarju:-
Bobcat (skid steer – 5ft wide) - €23.00/siegħa
JCB (Backhoe loader) - €34.63/siegħa
Mini JCB (mini excavator) - €23.00/siegħa
Tracked Excavator (7 ton) - €23.00/siegħa
Tracked Excavator (24 ton) - €57.73/siegħa
Tracked Loader - €34.63/siegħa
Roller - €23.00/siegħa
Tipper Truck (24 tonner) - €43.30/vieġ eskluż dumping
Tipper Truck (7 tonner) - €23.00/vieġ eskluż dumping

Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta. Din kienet l-uniku offerta li irċieva l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li l-offerta hija skond l-ispeċifikazzjoniet u r-rati huma ġustifikati. Għalhekk ġie deċiż li din l-offerta tiġi aċċettata. Il-kuntrattur Anthony Mintoff f'isem A&E Mintoff Co Ltd se jiġi infurmat dwar din id-deċiżjoni u jista' jibda jagħti s-servizz lill-Kunsill skond kif mitlub mill-Kunsill stess mill-1 ta' Jannar 2013. Il-ftehim se jiġi iffirmat għal perjodu ta' sena u jkun jista' jiġġedded sa tlett snin u għalhekk jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2015.

**Offerti 2012-02, 2012-03, 2012-04**

Il-Kunsill qabel li għandu jaħtar Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti dwar dawn l-offerti:-

2012-02 – Ġbir ta' Skart Goff permezz ta' trakk li jġorr l-iskart li juża low emission
2012-03 – Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika
2012-04 – Tindif ta' Toroq

Is-Sindku ippropona lil Dr Joshua Grech, Dr Josette Spiteri Cauchi u s-Sur Paul Zahra biex ikunu l-membri tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser isiru l-kuntatti meħtieġa biex dan il-Bord ikun jista' jibda l-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerti imsemmija hawn fuq.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratti preżenti li għandna dwar dawn it-tlett servizzi jagħlqu fil-31 ta' Diċembru 2012. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-kuntratti għandhom jiġġeddu għal tlett xhur oħra u għalhekk ikunu jagħlqu fil-31 ta' Marzu 2013. Il-kuntratturi konċernati se jiġu infurmati b'din id-deċiżjoni.

**8. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-57 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 9. Materja oħra

9.01 Mary Anne Aquilina ta' Triq il-Fanal talbet lill-Kunsill sabiex issir lampa ġdida fi Triq il-Ġonna peress li mudlama ħafna. Il-Kunsill qabel li naplikaw mal-Enemalta biex issir din il-lampa.

9.02 Is-sid ta' Raymond Garage ilmenta dwar ħajt tas-sejjieħ li hemm imwaqqa fl-inħawi ta' Wied Sara fejn għandu l-garage tiegħu. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar L-Erbgħa 23 ta' Jannar, 2013 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-8.45p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |